

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/449/PESK**tat-28 ta' Ġunju 2007**

li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar aktar miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/694/PESK ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Artikolu 1

L-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK għandu jiġi sostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Billi,

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 28 ta' Ġunju 2007.

- (1) Taħt it-termini tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK, il-Kunsill adotta miżuri sabiex jiffriża l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni fiżiċi elenkati fl-Anness għaliha, li jinsabu taħt att ta' akkuża mill-ICTY.
- (2) Wara t-trasferiment tas-Sur Zdravko TOLIMIR u s-Sur Vlastimir DJORDJEVIC għall-kustodja ta' l-ICTY fl-1 ta' Ġunju 2007, ismu għandu jitneħħa mil-lista.
- (3) Barra minn hekk, għandhom jiġu pprovduti raġunijiet rigward l-individwi li jibqgħu fuq il-lista.
- (4) Għalhekk jeħtieġ li l-lista li tinsab fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK tiġi addattata kif meħtieġ,

Għall-Kunsill
Il-President
S. GABRIEL

⁽¹⁾ ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52. Il-Pożizzjoni Komuni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/484/PESK (ĠU L 189, 12.7.2006, p. 25) u estiża mill-Pożizzjoni Komuni 2006/671/PESK (ĠU L 275/66, 6.10.2006, p. 66).

ANNEX

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1

	Individwu	Raġuni
1.	Isem: HADZIC Goran (raġel) Data tat-twelid: 7.9.1958 Post tat-twelid: Vinkovci, Kroazja Ċittadin tas-Serbja	akkużat mill-ICTY u għadu liberu <i>Akkuża: 4 ta' Ġunju 2004</i> <i>Każ nru.: IT-04-75</i>
2.	Isem: KARADZIC Radovan (raġel) Data tat-twelid: 19.6.1945 Post tat-twelid: Petnjica, il-muniċipalità ta' Savnik, Montenegro Ċittadin tal-Bożnja u Herzegovina	akkużat mill-ICTY u għadu liberu <i>Akkuża inizjali: 25 ta' Lulju 1995; it-tieni akkuża: 16 ta' Novembru 1995; akkuża emendata: 31 ta' Mejju 2000</i> <i>Każ nru.: IT-95-5/18</i>
3.	Isem: MLADIC Ratko (raġel) Data tat-twelid: 12.3.1948 Post tat-twelid: Bozanovici, muniċipalità ta' Kalinovik, Bożnja u Herzegovina Ċittadin tal-Bożnja u Herzegovina	akkużat mill-ICTY u għadu liberu <i>Akkuża inizjali: 25 ta' Lulju 1995; it-tieni akkuża: 16 ta' Novembru 1995; akkuża emendata: 8 ta' Novembru 2002</i> <i>Każ nru.: IT-95-5/18</i>
4.	Isem: ZUPLJANIN Stojan (raġel) Data tat-twelid: 22.9.1951 Post tat-twelid: Kotor Varos, Bożnja u Herzegovina Ċittadin tal-Bożnja u Herzegovina	akkużat mill-ICTY u għadu liberu <i>Akkuża inizjali: 17 ta' Diċembru 1999; it-tieni akkuża emendata: 6 ta' Ottubru 2004</i> <i>Każ nru.: IT-99-36-I</i>